A.L. 37 tal-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tas-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, hawn aktar 'il quddiem "r-regolamenti prinċipali".

A.L. 249 tal-2008.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti qegħdin isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u s-sigurta` pubblika. Kull ħtieġa imsemmija f'dawk ir-regolamenti inkluż dawk relatati ma' awtorizzazzjonijiet u ma' servizzi qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "awtorizzazzjoni", minnufih wara l-kliem "dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem ", u f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi u provdituri ta' servizz tfisser permess, liċenza, *warrant*, appuntament, konċessjoni jew kull deċiżjoni formali f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċess għal attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha;";

(b) fit-tifsira "provditur awtorizzat", minflok il-kelma "regolamenti;" għandhom jidħlu l-kliem "regolamenti, jew provditur tas-servizz li jkun awtorizzat biex jopera taħt kull liġi fis-seħħ fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew stat li jkun parteċipant fiż-Żona Ekonomika Ewropeja:", u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda kull meta l-Awtorità tkun meħtieġa biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti relatati ma' faċilitajiet ta' ħżin 'l barra mix-xtut, l-Awtorità għandha taġixxi b'kollaborazzjoni mal-Awtorità responsabbli għal affarijiet marittimi;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "spettur" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "stabbiliment" tfisser l-għemil attwali ta' xi attività ekonomika, mill-provditur awtorizzat għal perjodu indefinit u permezz ta' infrastruttura stabbli li minnu n-negozju ta' provvista ta' servizzi jkun qiegħed tassew iseħħ;";

(d) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "stabbiliment" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;";

(e) Minnufih wara t-tifsira "punt fiss ta' bejgħ" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku" tfisser raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u li dawn ir-raġunijiet joffru ġustifikazzjoni għal ħruġ ta' xi awtorizzazzjoni jew għall-ħruġ ta' xi kundizzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni jew għal kull deċiżjoni politika oħra meħuda skond dik l-awtorizzazzjoni, meta dik l-awtorizzazzjoni, u, jew kundizzjoni u, jew deċiżjoni politika għal dik l-awtorizzazzjoni ma tkunx tista` tinħareġ jew tiġi mogħtija taħt ċirkustanzi normali ħlief għal dawk ir-raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku li jinkludu xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-politika pubblika, s-sigurezza pubblika, s-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika, iżda, dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu interpretati skond l-Artikolu 46 u Artikolu 55 tat-Trattat;

(b) iż-żamma tal-ordni fis-soċjeta`;

(ċ) l-objettivi politiċi soċjali;

(d) il-protezzjoni tar-riċevituri ta' servizz;

(e) il-protezzjoni tal-konsumatur;

(f) il-ġlieda kontra l-frodi;

(ġ) il-prevenzjoni ta' kompetizzjoni inġusta; u

(h) il-protezzjoni tal-ambjent;";

(f) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "riċevitur" tfisser kull persuna naturali li tkun ċittadin ta' Stat Membru jew li tibbenefika mid-drittijiet mogħtija lilha mill-atti Komunitarji, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li, għal finijiet professjonali jew mhux professjonali, tuża jew tkun tixtieq tuża servizz mhux għal korrispettiv finanzjarju;";

(ġ) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "riċevitur", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizz" tfisser kull attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom, u magħmula għal korrispettiv finanzjarju;";

(h) minnufih wara t-tifsira "provditur awtorizzat" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "provditur ta' servizz" tfisser kull persuna naturali li tkun ċittadin ta' Stat Membru, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li tkun toffri jew li tkun tipprovdi servizz;";

(i) minnufih wara t-tifsira "tibdil materjali" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Trattat" tfisser it-trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-proviso tar-regolament 5, minflok il-kliem "regolament 3" għandu jidħol il-kliem "regolament 4".

Jemenda r-regolamenti 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-Regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu minflok il-kliem "Ebda persuna m'għandha, sakemm ma tiġix mogħtija awtorizzazzjoni valida skond dawn ir-regolamenti, twettaq xi waħda mill-operazzjonijiet u, jew attivitajiet li ġejjin:", għandhom jidħlu dawn il-kliem ġodda li ġejjin:

"L-operazzjonijiet u l-attivitajiet li ġejjin għandhom jeħtieġu awtorizzazzjoni:"; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "iżda mhux aktar minn XXXX', għandhom jidħlu l-kliem "iżda mhux aktar minn tmien".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, l-kliem "L-Awtorità għandha tadotta kriterji xierqa, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji dwar l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.", għandhom jiġu mħassra; u

(b) fil-proviso li jinsab mas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "u mhux b'mod diskriminatorju." għandhom jidħlu l-kliem "u mhux b'mod diskriminatorju:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda wkoll fil-każ ta' nuqqas ta' l-Awtorità li tinforma lill-applikant f'dak li għandhu x'jaqsam ma' kull deċiżjoni meħuda li tirrigwarda aċċess għal xi attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha, inkluż ir-rifjut jew ir-revoka ta' xi awtorizzazzjoni, m'għandu b'ebda mod ikun li jkun ifisser li l-Awtorità tkun approvat b'mod impliċitu dik l-awtorizzazzjoni għal xi attività

tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħħa u li l-applikant ikun ġie mogħti b'mod awtomatiku aċċess għal attivita' ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (1) tiegħu u minnufih wara dak is-subregolament għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-provditur awtorizzat għandu jinforma lill-Awtorità b'kull bidla f'dak li għandu x'jaqsam mal-attività tas-servizz tiegħu li permezz tagħha l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunux jistgħu jiġu milħuqa u ta' twaqqif ta' sussidjarji li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu taħt l-iskop tal-awtorizzazzjoni u, jew tal-iskema tal-awtorizzazzjoni.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fis-subregolament (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "trasparenti u mhux diskriminatorji." għandu jidħol il-kliem "trasparenti u mhux diskriminatorji:", u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda kull kundizzjoni għall-għoti ta' xi awtorizzazzjoni għal stabbiliment ġdid m'għandhiex tiddupplika l-ħtiġiet u l-kontrolli li jkunu ekwivalenti jew komparabbli b'mod essenzjali fir-rigward tal-fini tagħhom li għalihom il-provditur awtorizzat ikun diġà soġġett fi Stat Membru ieħor jew f'Malta.".

9. Minnufih wara r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Bidu ta' proċeduri

30. Minkejja kull liġi oħra, proċeduri għal reat kontra dawn ir-regolamenti jistgħu ikunu mibdija f'kull waqt fi żmien sitt snin minn meta jkun sar ir-reat.".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda li jinsabu mar-regolamenti prinċipali.

10. L-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda li jinsabu mar-regolamenti prinċipali għandhom jinbidlu bl-Iskedi ġodda li ġejjin:

"L-EWWEL SKEDA

Regolament 7(5)

Dritt għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li jrid jitħallas fir-rigward ta' applikazzjoni għal:

Awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL, inkluż il-bejgħ minn post fiss ta' bejgħ hu ta' €50;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' €500;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL hu ta' €50;

Awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l- attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar hu ta' €500;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut hu ta' €500.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 8(2)

Dritt ta' awtorizzazzjoni li jrid jitħallas fir-rigward ta':

Awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ hu ta' €50 fis-sena;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' €500 fis-sena;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL hu ta' €50 fis-sena;

Awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar hu ta' €500 fis-sena u ta' €50 għal kull vettura ta' distribuzzjoni tal-GPL;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut hu ta' €500 fis-sena u €50 għal kull żennuna.

Id-dritt ta' €500 fis-sena imsemmi hawn qabel għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut m'għandux jitħallas minn detenturi ta' awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' stazzjon minn fejn jimtela l-*petroleum*.".